



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Marzu 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0064(NLE)

7492/24
ADD 1

TRANS 140
RELEX 298

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI NRU 1/2024 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT
BIL-FTEHEM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-
MOLDOVA DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ fir-
rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI NRU 1/2024 TAL-KUMITAT KONĠUNT
STABBILIT BIL-FTEHEM
BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA
DWAR IT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA BIT-TRIQ**

ta' ...

fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

¹ ĠU UE L 181, 7.7.2022, p. 4.

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni Nru 2/2022 tal-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq tal-15 ta' Diċembru 2022 fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-Ftehim², il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq ("il-Ftehim") ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (2) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jitlaqqa' mqar tliet xhur qabel l-iskadenza tal-Ftehim sabiex jivvaluta u jiddeċiedi l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni tal-Ftehim.
- (3) Il-monitoraġġ tal-Ftehim wera li dan ipprova benefiċċji f'termini ta' kummerċ għall-Unjoni Ewropea kif ukoll għar-Repubblika tal-Moldova, u li ż-żieda fis-servizzi tat-trasport bit-triq kienet ta' benefiċċju wkoll għall-operaturi tat-trasport bit-triq taż-żewġ partijiet.
- (4) Flimkien ma' ftehim komparabbli dwar it-trasport bit-triq iffirmat mal-Ukrajna, il-Ftehim ikkontribwixxa b'mod sinifikanti wkoll għall-esportazzjoni tal-merkanzija Ukrena lejn l-Unjoni Ewropea mill-Korsiji ta' Solidarjeta'.
- (5) L-estensjoni tal-Ftehim jenħtieġ li tinftiehem bħala kontribut ukoll għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-gwerra tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk, il-Ftehim jixraq jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² ĠU UE L79, 17.3.2023, p. 185.

Artikolu 1
Kontinwazzjoni tal-Ftehim

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar it-Trasport tal-Merkanzija bit-Triq huwa b'dan estiż sal-31 ta' Diċembru 2025.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kopresidenti
